**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum it-Tnejn 10 ta' April, 2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Borg ta' 27 sena, bin Michael u Marianna nee' Bugeja, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Jannar, 1979 residenti fil-font numru: Flt nru. 16, Blokk 'G', Triq il-Lellux, Santa Lucia u detentur tal-karta ta' l-identita' numru: 0072179M.

(A) Akkuzat talli filwaqt li kien hdejn il-klabb tal-bocci ta' Santa Lucia, nhar is-27 ta' Mejju, 2006, ghall-habta tas-1.15 ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Johansson Spiteri minn Santa Lucia f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gavi, permezz ta' tazza, kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180) it-tabiba tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita ggiblu mankament sfreggju fil-wicc u fl-ghonq bi ksur ta' l-artikoli 216(1) u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(B) Kif ukoll akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru, 2007 (fol. 82 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 218(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li dawn l-Artikoli inqraw fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007 (fol. 76 tal-process).

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat li fis-seduta tat-28 t'April 2010, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Rat il-*Pre-Sentencing Report* u l-aggornament tieghu tal-Ufficjal tal-Probation Joanna Falzon;

Semghet ix-xhieda prodotta mid-difiza fir-rigward tal-piena,

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ispettur Jurgen Vella.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

M'hemmx dubbju li r-reat li ikkommetta l-imputat hu wiehed serju. Jekk wiehed jirreferi biss ghar-rapport ta' Dottor Mario Scerri, li gie appuntat bhala espert sabiex jezamina lill-parte civile, Johannsen Spiteri bil-ghan li jigi kkonstatat il-perdurata *o meno* tal-griehi subiti minnu, jirrizulta li l-parte civile ghandu diversi cikatrici twal fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u ta' ghonqu. Dottor Mario Scerri ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:

*"1. Illi dawn ic-cikatrici deskritti fid-dettal huma rizultat ta' incizjonijiet minn strument li jaqta' bhalma hija tazza miksura;*

*2. Illi dawn ic-cikatrici huma vizibbli minn talking distance u jibghu marka permanenti u sfiguranti fil-wicc u fl-ghonq."*[1]

Il-fedina penali tal-imputat lanqas hi wahda felici, ghax diga ghandu seba' (7) kundanni minn dawn il-Qrati, u wahda minnhom hija simili hafna ghal-kaz odjern, fejn hu nstab hati li kkawza griehi ta' natura gravi fuq persuna ohra, u wehel sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Mill-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat kien jabbuza mid-droga. Pero jidher li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat beda jirrealizza li biex jeghleb din il-problema hu kellu bzonn jindirizzaha b'mod serju u jitlob ghajnuna professjonali minhabba li ma kienx qed jirnexxielu jieqaf wahdu. Huwa beda kuntatt mal-Caritas fit-13 ta' Lulju 2010 u kompla sakemm dahal fi programm residenzjali. Wara li dahal f'dan il-programm, l-imputat irrealizza li apparti l-vizzju tad-droga huwa wkoll kellu problema tax-xorb u b'hekk qed jahdem fuq dawn iz-zewg problemi fi hdan il-programm apparti li jahdem fuq problemi ohra li jistghu jigu ikkawzati minn dan il-vizzju.[2]

L-Ufficjal tal-Probation ghamlet is-segwenti rakkomandazzjonijiet:

*"Fid-dawl ta' din l-informazzjoni jidher li fil-kaz ta' Paul Borg jehtieg li attenzjoni xierqa tinghata kemm lill-aspett ta' kontroll kif ukoll dik ta' riabilitazzjoni. Wiehed ma jistghax jinjora l-gravita tal-akkuza kif wkoll il-fatt li l-fedina penali tal-imputat tindika li diga kien gie kkundannat ghal kaz simili, biss kif indikat wkoll fil-fedina penali ma jidhirx li l-imputat qatt inghata cans ghal supervizjoni biex jigi mghejjun jeghleb certi problemi.*

[1] Ara Dok MS a fol. 53 tal-process.
[2] Ara rapport tal-Ufficjal tal-Probation a fol. 114 tal-process.

*Ghaldaqstant l-Ufficjal tal-Probation qieghda bir-rispett tirrakomanda li din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jinghata Ordni ta' Probation u Servizz, skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tinkorpora fiha kemm l-element ta' Probation kif ukoll l-element ta' xoghol fil-komunita. Qed jigi rakkomandat li l-Ordni ta' Probation tkun fil-massimu taghha, ta' tlett snin, fil-waqt li l-element ta' xoghol jkun ta' 100 siegha. Qed jigi suggerit li dan ix-xoghol fil-komunita jsir skond l-arrangamenti mhejjija mill-Ufficju tal-Probation u approvati minn din l-Onorabbli Qorti."*

Fl-aggornament ghal *Pre-Sentencing Report*, l-Ufficjal tal-Probation tkellmet ukoll mal-parte civile u qalet hekk: *"Jidher li Johansson kien affettwat kemm fizikament minn dan ir-reat minhabba li ghad ghandu marki f'wiccu li ha jibqghu hemm ghal ghomru kif wkoll emozzjonalment minhabba l-fatt li ghandu dawn il-marki permanenti. Huwa sostna li ma kienx xtaq jipprocedi bil-Qorti fil-konfront tal-imputat minkejja li kien ghamel rapport. ... ... Fil-konfront tal-imputat huwa sostna li jixtieq li Paul Borg jigi mghejjun jindirizza l-problemi li ghandu minhabba li dawn setghu ikkagunaw ir-reat kif wkoll jixtieq li hu jigi rrikompensat b'xi mod."*[3]

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta' Maria Gollcher li kienet il-facilitator u l-key worker tal-imputat waqt il-programm residenzjali li kien qed jaghmel, li xehdet li meta beda l-programm, id-droga kienet ghadha prominenti fl-imputat u kompliet tghid hekk *"Matul din il-kwazi sena li ilu maghna ghamel zvilupp kbir. Rnexxielu jerga' jaghmel kuntatt mat-tfal tieghu u jibni relazzjoni mat-tfal. Bhala resident kien role model, fehem l-affarijiet. Ghamilnielu terapija, hadem fuqu nnifsu. Bhala programm nista' nghid li ghamel kwazi il-100% to perfection, much better than expected. ... ...*

*Irranga l-affarijiet mal-partner. Kellu sessions mal-family therapist u qed jisperaw li jekk ma jinghatax sentenza ta' habs, Paul jibni hajja mal-parnter tieghu u mat-tfal minn meta jitlaq mill-programm. ... ... Suppost din il-gimgha ... ... Paul jibda xoghol u jekk kollox imur kif suppost, kif nisperaw, jitlaq bejn xahrejn u tliet xhur ohra mal-partner tieghu u jmur jghix*

[3] Ara fol. 122 tal-process.

*mat-tfal u mal-partner tieghu. Dik hija r-rakkomandazzjoni tieghi. Dik hija l-ahjar sistemazzjoni fejn Paul jista' jibqa' clean."*[4]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*
*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghamel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu u jrabbi lill-uliedu, flimkien mal-partner tieghu, u jsib impjieg. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi. Il-Qorti hija tal-fehma li huwa aktar opportun li l-imputat ipatti ghall-agir tieghu billi jwettaq xoghol fil-komunita` u billi b'xi mod jikkumpensa lill-parte civile ghall-isfregu permanenti li sofra. Barra minn hekk ikun opportun li l-imputat jibqa' taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* sabiex ikun assigurat li jibqa' fit-triq it-tajba.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 218(1)(b), 217, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli, u, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz

[4] Ara xhieda ta' Maria Gollcher a fol. 124 *et seq.* tal-process.
[5] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation ghal zmien tlett (3) snin mill-lum, u li jobdi ordni ta’ servizz fil-komunita, billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qieghda tordna lill-hati ihallas lill-vittma Johansson Spiteri is-somma ta’ elfejn u hames mitt Euro (€2,500), minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma ulterjuri li tista’ tkun dovuta.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**